MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2014

Appell Kriminali Numru. 27/2012

Il-Pulizija

[Spettur Johann J. Fenech]

Vs

*Omissis*

Illum, 8 ta' Mejju, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata *Omissis* detentrici tal-Karta ta' l-Identita bin-Numru *Omissis,* quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Talli f'dawn il-Gzejjer bejn is-snin 2005 u 2006:

1. Kellha fil-pussess taghha d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kenitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kenitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kenitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga imsemmija fil-pussess taghha u naqqset li tipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendat u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellha fil-pussess taghha medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

3. Kellha fil-pussess taghha il-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta'l-artikolu 8(d) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur ta' l-artiklu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Jannar, 2012 fejn il-Qorti illiberat lill-imputata mill-akkuzi migjuba fil-konfront taghha fuq nuqqas ta' provi.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali minnu pprezentat fil-25 ta' Jannar, 2012 fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza

appellata u wara li tqis bir-reqqa l-provi f'dan il-kaz issib lill-appellata hatja tal-kakkuzi kif dedotti kontra taghha u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-Avukat Generali:

Illi fid-19 ta' Jannar, 2012 l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta), permezz tas-sentenza taghha kif hawn fuq riferita, inter alia ghamlet enuncjazzjoni zbaljata tal-provi kif migjuba li fil-fatt wasslet ghall-helsien tal-imputata mill-imputazzjonijiet migjuba kontriha u ghaldaqstant l-esponent qieghed jinterponi dan l-umli appell ai termini tal-artikolu 413(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F' dan il-kaz, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ikkunsidrat illi ai termini tad-decizjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kazijijet 'Il-Pulizija vs Alvin Privitera', 'Il-Pulizija vs Mark Lombardi' u 'Il-Pulizija vs Esron Pullicino':

(a) Id-dritt ghal smiegh xieraq japplika wkoll fl-istqadju ta' pre-trial stage cioe fil-mument meta persuna tkun arrestata u ser tigi interrogate;
(b) Dan id-dirtt t'assistenza legali jsib applikazzjoni inkluz fl-istadju tal-interrogazzjoni tal-peruna suspettata u dan peress li persuna hija prezunta innocenti sakemm ma tigix misjuba jew dikjarata hatja minn Qorti ta' gurisdizzjoni kriminali u kwindi ghandha d-dritt li ma tinkriminax ruhha sa mill-istadju inizzjali tal-interrogazzjoni;
(c) Sabiex dan id-dritt jigi salvagwardjat kull persuna ghandha d-dritt li tiskeb assistenza legali sabiex tkun fl-ahjar posizzjoni li thejji d-difiza taghha;

(d) Dan huwa vitali u aktar fid-dawl tal-principju li fis-sistema penali Malti il-konfessjoni tal-persuna akkuzata hija prova ewlenija fil-process gudizzjarju istitwit kontra taghha;

(e) Madanakollu dn ghanud jittiehed fid-dawl tal-proceduri kollha fis-sens illi jekk dak mistqarr fl-istqarrija huwa sanzjonat minn provi indipendenti ohra, l-istqarrija tal-persuna akkuzata minghajr ma ttiehed parir legali ma hijiex wahda ser twassal ghal kundanna taghha billi hemm provi ohra li jistghu iwasslu ghal sejbien ta' htija;

(f) Izda jekk l-unika prova li l-prosekuzzjoni jkollha wuah dak mistqarr mill-akkuzat fl-istqarijja teighu minghjr ma huwa kellu l-opportunita li jikkonsulta mal-avukat u jhejji d-difiza teighu billi ma jinkriminax ruhu fi stadju li huwa prezunt li ghadu innocenti;

(g) Jekk dik l-istqarrija tkun il-prova unika quddiem Qorti ta' gustizzja kriminali kontra l-imputata, dik il-konfessjoni tkun leziva ta-drittijiet ghal smiegh xieraq u kwindi ghandha tigi skartata;

(h) Skond is-sentenza in re Privitera, ir-regola hija li l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea jitlob li jkun hemm id-dritt ta' avukat anke fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix pruvat illi jkun hemm ragunijiet impellanti ghalbiex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Id-dritt ghall-avukat huwa r-regola u mhux l-eccezzjoni – ir-restrizzjonijiet ghal dan id-dritt huma l-eccezzjoni;

(i) Dan id-dritt ikun irrimedjabbilment ippregudikat fil-kaz fejn l-akkuzat ikun irrilaxxja xi stqarrija waqt interrogazzjoni maghmula meta ma jkunx assistit minn avukat u meta l-istess stqarrijiet jintuzaw kontra tieghu;

(j) F' dan il-kaz l-unika prova li kien hemm kontra l-imputata kienet l-istqarrija rixaxxjata minnha meta ma kienitx assistita mill-avukat u tkun ser tintuza ghal-conviction taghha;

(k) Din l-insistenza dwar dan id-dritt ghall-assistenza legali fl-istadju inizzjali tal-investigazszjoni hija dovuta minhabba l-principju li hadd ma ghandu jinkrimina ruhu kif ukoll il-htiega li jinholoq bilanc bejn id-drittijiet tal-akkuzat ma dawk tal-prosekuzzjoni. Inoltre, 'L-argument li altrimenti jkun difficli l-pulizija tottjeni conviction mhux

fattur li ghandu jittiehed inkonsiderazzjoni fit-thaddim ta' dan il-bilanc';

(l) Minhabba f'hekk il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ikkonkludiet li l-istqarrija tal-imputata qed tivvjola dak sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-Bniedem.

Bid-dovut rispett, konxju tas-sentenzi tal-Qorti Ewropeja tad-drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll tal-Qrati Maltin dwar il-materja, l-esponent umilment itenni li ma jaqbilx ma dak kollu mistqarr mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) f'dan il-kaz.

Il-konsiderazzjonijiiet tal-Qorti tal-Magistrat (Malta) u tal-Qrati nostrani l-ohra, tnisslu in segwitu ghas-sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet 'Salduz vs Turkey' fis-27 ta' Novembru, 2008. Bid-dovut rispett, l-esponent jemmen illi din id-decizjoni giet segwita mill-Qrati Maltin b'mod li l-principji stabbiliti fiha gew applikati b'mod li ma tawx bizzejjed piz ghad-dettalji u c-cirkostanzi partikolarissimi li din is-sentenza inghata fiha. Fil-kaz prezenti l-imputata appellate kellha tlieta u ghoxrin ssena meta irrilaxxjat l-istqarrija . Izda bl-ebda mod ma giet imcahhda mid-dritt lit kun tista` tikkonsulta ma' avukat. Minn imkien ma jirrizluta li b'xi mod giet imcahhda minn xi access ghal dokumenti rigwardsanti l-arrest taghha. Ir-reati li kienu ipotezzati ma kienux ta' natura politika jew li kienu jikkoncernaw sitwazzjoni partikolari ta' allegazzjonijiet ta' partecipazzjoni f'organizzazzjoni ritenuta terroristika mill-Gvern tal-pajjiz. Minn imkien ma jirrizulta li f'xi mod l-impuptata giet trattata hazing, mhedda, imsawta jew li vjolenza giet uzata kontra taghha. M'hemmx provi li l-imputata appellate ipprotestat f'xi punt li din l-istqarrija giet mehuda minnha permezz ta' vjolenza, pressjoni jew maniggi ossija 'duress'. Apparti minn hekk ma jirrizultax li l-Pulizija b'xi mod ma intimidaw lill-imputata jew gieghlu lill-imputata li tirrilaxxa stqarrija.

Ikkunsidrat,

Irrizulta illi f'Novembru tal-elfejn u tmienja (2008) l-appellata giet imwaqqfa mill-pulizija meta kienet mal-boyfriend taghha Ninian Mangion f'San Giljan. Fuq il-persuna ta' Ninian Mangion il-pulizija sabu pakkett tal-kokaina. It-tfittxija li saret fuq l-appellata irrizulta fin-negattiv. L-appellata waqt l-interrogazzjoni cahdet kull tip ta' konnessjoni mal-pakkett droga li nstab però ammettiet u irrilaxxat stqarrija illi tlett snin qabel, fl-elfejn u hamsa (2005), gieli kien hemm okkazjonijiet fejn kienet fil-pussess tad-droga kokaina, kannabis, u pilloli estacy ghall-uzu esklussiv taghha. Fuq din l-informazzjoni l-pulizija hargu l-imputazzjonijiet odjerni kontra l-appellata. U b'sentenza tas-sittax (16) ta' Jannar tal-elfejn u tnax (2012) (fol 19) il-Qorti tal-Magistrati skartat l-istqarrija u peress illi ma kienx hemm provi ohra illiberat lill-appellata.

L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell fejn argumenta illi l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni hazina tal-ligi u erronjament illiberat lill-appellata meta kellha ssibha hatja.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti tal-Magistrati ibbazat l-argumenti taghha skont id-dispost tad-decizjonijiet kostituzzjonali fil-kazijiet "Il-Pulizija versu Alvin Privitera", "Il-Pulizija versus Mark Lombardi", u "Il-Pulizija versus Esron Pullicino" li kienu ghamlu riferenza ghall-kawza deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet "Salduz versus Turkey" tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tal-elfejn u tmienja (2008). Fil-qosor, din is-sentenza kienet qalet illi stqarrijiet maghmula minghajr assistenza ta' avukat huma suspetti u l-Qorti taghmel sew illi tiskartahom. Il-qrati taghna segwew dawn it-taghlim ghal diversi zmien sakemm il-Qorti Kostituzzjonali tat direzzjoni ohra fil-kawza "Charles Stephen Muscat versus Avukat Generali" deciza fit-tmienja (8) ta' Ottubru tal-elfejn u tnax (2012). Din il-Qorti tirrimarka illi kemm id-

data tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati u kemm ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali gewipprezentati qabel l-ghoti ta' din l-ahhar sentenza mill-Qorti Kostituzzjonali, kif konfermata ukoll mill-kawza "Il-Pulizija versus John Attard" tal-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru tal-elfejn u tnax (2012), ukoll "Il-Pulizija versus Paul Cutajar", Appell Inferjuri (Ghawdex) tat-tmintax (18) ta' Gunju tal-elfejn u tlettax (2013).

Ghalhekk l-argumenti kollha illi gab l-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu, studjati kemm huma studjati huma risposti f'dawn l-ahhar tlett sentenzi ikkwotati fejn dawn biddlu ghal kollox id-direzzjoni moghtija fit-tlett kawzi msemmija Il-Pulizija versus Alvin Privitera, Mark Lombardi u Esron Pullicino u issa qalu illi "Din il-Qorti ttenni illi l-jedd illi jaghtu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak ghal smigh xieraq; ma hemm l-ebda jedd li kull min huwa akkuzat b'reat kriminali jigi liberat minn dik l-akkuza, jew l-akkuzat jinghata l-mezzi biex hati jew mhux, jinheles mill-akkuza, jew li, minhabba xi irregolarità, tkun xi tkun, minn fuq il-fatti ghandu jinstab hati ghandu jithalla jahrab il-konsegwenzi ta' ghemilu. Il-jedd ghal smigh xieraq jinghata kemm biex, wara process fi zmien ragjonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex hati ma jehilx bi htija, u biex jinghata l-mezzi kollha mehtiega ghal hekk, u kemm biex min huwa tassew hati ma jahrabx mill-konsegwenzi ta' htija tieghu. Il-jedd ghal smigh xieraq ma jinghatax biex min hu tassew hati jasal biex, b'xi mod jew iehor, ma jwegibx ghal htija tieghu. Jekk il-jedd ghal smigh xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal ghal hekk, mela hemm xi haga hazina hafna fis-sistema tal-harsien tad-drittijiet".

"Ghalhekk li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi li ngiebu kontrih u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm; li ghandha taghmel din il-Qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jedd ta' smigh xieraq u jekk inholoqx il-periklu li l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dak il-periklu, mela ma hemmx ksur."

Aktar 'il quddiem fl-istess sentenza nghad, "... illi l-imhallef togat se jwissi lill-gurati bil-periklu illi joqghodu biss fuq l-istqarrija meta jiddeciedu dwar il-htija bla ma jqisu wkoll il-provi l-ohra u li l-imhallef sahansitra jista' jwissi lill-gurati biex jiskartaw l-istqarrija jekk tingieb xhieda ... li ttiehdet bi vjolenza, b'qerq jew theddid ...". L-istess il-Prim Awla, Sede Kostituzzjonali fil-kawza John Attard versus Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali deciza fil-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru tal-elfejn u tnax (2012) filwaqt illi ikkwotat b'success il-kawza precedenti ta' Charles Stephen Muscat qalet, "Ebda Qorti f'ebda hin ma stabbiliet il-principju universali li nuqqas ta' assistenza legali waqt interrogazzjoni awtomatikament jirrizulta lezjoni ta' dritt ghal smigh xieraq."

Dawn iz-zewg sentenzi gew segwiti minn din il-Qorti fil-kawza "Il-Pulizija versus Paul Cutajar" deciza mill-Qorti tal-Appell Inferjuri (Ghawdex) fit-tmintax (18) ta' Gunju tal-elfejn u tlettax (2013) fejn intqal, "Dwar dan l-ahhar ilment li l-istqarrija kellha tkun sfilzata il ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidunett tal-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel riferenza ghal decizjonijiet moghtija ricentement (ara fost ohrajn Charles Stephen Muscat vs Avukat Generali u Ganni Attard versus Avukat Generali) fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti irrilevat li mhux kull nuqqas ta' assistenza legali ghandha twassal ghan-nullità tal-istqarrija, izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hix korroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabbli illi seta' facilment ikun impressjonat jew influwenzat mill-fatt li kien qed jigi interrogat mill-pulizija."

Dan ifisser, kwindi, li ghad-determinazzjoni tal-valur probativ ta' stqarrija l-Qorti ma tridx tehodha "in isolation," izda ghandha tara dan id-dokument flimkien mal-provi l-ohra li jkunu ngiebu u jkun perikoluz jekk persuna tinstab hatja biss fuq l-istqarrija u xejn aktar, jekk jezistu cirkostanzi illi jistghu jinfluwixxu negattivament il-valur probativ bhala perezempju l-vulnerabiltà tal-persuna illi tkun qieghda taghti din l-istqarrija.

Naturalment il-Qorti ma tistax taghti definizzjoni kategorika tat-tifsira tal-kelma vulnerabiltà peress illi dana jiddependi hafna mic-cirkostanzi ghall-ohra izda l-aktar ovvja hija l-età tal-persuna fejn età tenera hija aktar suxxettibbli ghal influwenza ta' ufficcjali investigattivi anki jekk dawn ikunu qieghdin ihejju l-investigazzjoni skont il-ligi u bil-kawteli kollha.

F'dan il-kaz il-persuna investigata kienet tfajla ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, veru età maggorenni, però ghal mod kif ikkomportat ruhha waqt l-investigazzjoni u bl-informazzjoni illi hija tat meta din ma kinitx mitluba hu ovvju illi l-appellata ma fehemt xejn mid-drittijiet taghha ghas-silenzju. Ghalhekk l-appellata ghandha titqies bhala persuna vulnerabbli u jkun perikoluz illi l-Qorti toqghod biss fuq l-istqarrija meta tigi biex tiddeciedi dwar il-htija peress illi dan johloq il-periklu illi l-appellata tinstab hatja meta ma kellhiex tinstab hatja.

Ghal dawn ir-ragunijiet, kwindi, din il-Qorti ma jidhrilhiex illi ghandha taghti valur probativ gholi lill-istqarrija rilaxxata mill-appellata u jkun gust illi tigi skartata. Kif qalet l-ewwel Qorti "illi provi ohra, kif digà nghad aktar 'il fuq, li jistghu jissostanzjaw l-akkuzi ma hemmx." Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni illi waslet ghaliha l-ewwel Qorti meta illiberat lill-appellata.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------